MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 8/2012

**GO p.l.c. gia Datastream Limited**

**vs**

**Camline Internet Services Limited**

**It-Tribunal**

Ra illi b'rikors guramentat imressaq quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta' Gunju 2006, is-socjeta' Datastream Limited ('Datastream', illum GO p.l.c.) talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' Camline Internet Services Limited ('Camline') thallasha s-somma ta' Lm54,014.86 in konnessjoni ma servizzi tal-internet provduti minn Datastream. Camline kienet wahda mill-*Internet Service Providers* ('ISPs') f'Malta li joffru s-servizz tal-Internet ('ADSL') bl-imnut f'dak iz-zmien;

Ra illi in forza tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet taghha u b'referenza partikolarment ghall-artikoli 9 u 27 tal-Kap. 379, Camline talbet lill-Qorti tordna s-sospensjoni tal-procedimenti quddiem l-istess Qorti u tirreferi l-imsemmija kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust (Kummissjoni) (illum it-Tribunal tal-Appell ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur) sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi;

Ra illi b'sentenza moghtija nhar id-29 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet Datastream Limited vs Camline Internet Services Limited (Cit. Nru. 514/2006 GV), il-Prim' Awlta tal-Qorti Civili ordnat is-sospensjoni tal-proceduri imsemmija u irriferiet il-kwistjonijiet dwar il-ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 379 lill-Kummissjoni sabiex din tinvestiga u tiddeciedi skond il-ligi;

Ra illi b'Digriet moghti nhar it-2 ta' Lulju 2008 il-Kummissjoni ordnat lil Camline sabiex tissottemetti l-ilmenti taghha lill-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni Gusta (Ufficcju) b'dan li l-Ufficju jinvestiga l-istess ilmenti u jipprezenta rapport dwar l-istess lill-Kummissjoni;

Ra li bl-ilment taghha tat-8 ta' Lulju 2008, Camline allegat li Datastream abbuzat minn posizzjoni dominanti fis-suq tal-provvista tas-servizzi tal-internet bl-ingrossa (wholesale) fil-perjodu bejn is-sena 2004 u s-sena 2006 u dan billi Datastream imponiet kundizzjonijiet fuq Camline li kienu wasslu biex Camline ma setghetx tikkompeti ma' Maltanet Limited (socjeta' sussidjarja ta' Datastream li sussegwentement giet inkorporata ma' Datastream), fil-provvista ta' servizzi tal-internet bl-imnut. Camline allegat li wiehed mill-abbuzi kien jikkonsisti f'*margin squeeze*) in kwantu Datastream kellha monopolju effettiv fis-suq tas-servizzi tal-internet (ADSL) bl-ingrossa u kienet qed titlob minghand Camline prezzijiet ezorbitanti biex b'hekk tiffavorixxi lillha nnifisha fis-suq tas-servizzi tal-internet bl-imnut (retail). Camline allegat ukoll li kien hemm abbuzi ohra da parti ta' Datastream inter alia *bundling* u *tying* tas-servizz u anki *predatory pricing*, u dan bi ksur ta' Artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (l-'Att'). In oltre, Camline

ilmentat ukoll li Datastream imponiet kundizzjonijiet iebsa fir-rigward tal-kreditu, ipprovdiet servizz inferjuri u mhux konsistenti, u imponiet penali horox fuq Camline. In oltre, Datastream kienet torbot lill-ISPs fit-tul u B'rizultat ta' hekk Camline sabitha difficli biex taqleb ghal fornitur iehor fi zmien ragjonevoli. Kawza ta' dawn il-kundizzjonijiet, Camline ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tohrog mis-suq tas-servizz tal-internet bl-imnut fil-5 ta' Gunju 2006, u ghaddiet il-klijenti taghha lill-Datastream.

Ra r-rapport tad-Direttur tal-Ufficcju (ir-'Rapport') li permezz tieghu kkonkluda li:
(a) Datastream kienet dominanti fis-suq tal-*International IP Bandwidth* u fis-suq tas-servizzi tal-internet bl-ingrossa;
(b) Ma kienx hemm abbuz minn dominanza da parti ta' Datastream u ghalhekk ma kienx hemm ksur ta' Artikolu 9 tal-Att.

Ra l-atti kollha nkluz in-noti tal-partijiet;

Ra l-verbal tas-27 ta' Frar 2013 fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' nota intavolata nhar il-25 ta' April 2012**,** Camline ilmentat fir-rigward tad-dewmien biex tlesta r-rapport mill-Ufficcju, u cioe' kwazi tlett snin mit-talba tal-Kummissjoni. Camline ilmentat ukoll fir-rigward tal-fatt li fit-thejjija tar-rapport, l-Ufficcju ma kkonsultax ma' ISPs ohra li bhal Camline kienu jiddependu minn Datastream biex joffru s-servizz tal-internet bl-imnut.

Permezz tal-istess nota, Camline issottomettiet li ghalkemm fir-Rapport l-Ufficcju ammetta li Datastream kella posizzjoni dominanti fis-suq bl-ingrossa u fis-suq tal-*International IP Bandwidth*, pero' fl-istess Rapport l-Ufficcju ma tax bizzejjed piz fir-rigward tal-analizi dwar jekk kienx hemm abbuz ta' dominanza u dan in kwantu l-analizi maghmula kienet sommarja hafna. Camline issottomettiet ukoll li l-Ufficcju analizza aspett wiehed biss tal-ilment originali u cioe' fir-rigward tal-*margin squeeze*,

pero' Camline kienet ilmentat ukoll fuq kwistjonijiet ohra ossia' *bundling*, *tying* u *predatory pricing*. Pero' anki fir-rigward tal-*margin squeeze*, Camline argumentat li l-unika raguni mressqa mill-Ufficju a bazi ta' liema ikkonkludiet li ma kienx hemm abbuz da parti ta' Datastream, hija li Camline kellha sorsi ohra minn fejn tixtri s-servizz u ghalhekk is-servizz ta' Datastream ma kienx indispensabbli. Skond Camline, l-Ufficcju ittratta l-kwistjoni tal-*margin squeeze* b'mod superficjali u hallat dan il-kuncett ma' dak tar-refusal to supply.

Camline irreferit ukoll ghal tlett kawzi, li huma *Deutche Telecom vs Kummissjoni Ewropea et*[1], *Konfurrensveret vs TelioSonera Sverige AB* [2] u Telefonica (2012) [3] u qalet li l-Ufficcju naqas milli jibbaza l-argumenti tieghu fuq dawn id-decizjonijiet ricenti u ghalhekk naqas mill-obbligi tieghu skont Artikolu 12 ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni.

Camline argumentat ukoll li fir-Rapport, l-Ufficcju strah wisq fuq il-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar kondotta ta' intrapriza dominanti li teskludi l-kompetituri[4] u bbaza d-decizjoni fuq il-kwistjoni tal-indispensabilta' tas-servizz ta' Datastream.

Minn naha taghha, Datastream taqbel mar-Rapport in kwantu gie konkluz li ma kienx hemm l-ebda abbuz da parte taghha pero' ma taqbilx mar-rapport fejn gie konkluz li Datastream kellha dominanza fis-suq tal-*International IP Bandwidth* u tas-servizz tal-internet bl-ingrossa. Datastream sostniet li kien hemm sostituti fir-rigward tal-*International IP Bandwidth* u dan in vista tal-presenza tal-Vodafone u anki ta' intraprizi ohra, fosthom dawk li joffru servizzi tal-*egaming*, li setghu joffru dan is-servizz, ghalkemm dawn ta' l-ahhar ma kellhomx licenzja sabiex joffru s-servizz taghhom lill-Internet Service Providers (ISPs). Datastream innutat xi kontradizzjonijiet fir-Rapport

---

[1] Kaz C-280/08 (14 ta' Ottubru, 2010)
[2] Kaz C-52/09 (17 ta' Frar 2011)
[3] Kaz 366/07; T-398/07. It-Tribunal jinnota li r-Rapport inkiteb fl-2011, u ghalhekk qabel inghatat din id-decizjoni
[4] *Communication from the Commission — Guidance on the Commission's enforcement priorities in applying Article 82 of the EC Treaty to abusive exclusionary conduct by dominant undertakings* [(2009) C 45/7]

fejn l-ewwel intqal li Datastream ma kellhiex is-sahha necessarja biex tagixxi indipendentement mill-kompetituri taghha fis-suq tal-*International IP Bandwidth* (paragrafu 88), filwaqt li f'parti ohra tar-Rapport jinghad li Datastream kienet f'posizzjoni dominanti (paragrafu 99).

Fir-rigward tas-suq tal-internet bl-ingrossa, Datastream sostniet li ma kellhiex posizzjoni dominanti kif sostna l-Ufficcju in kwantu z-zewg operaturi l-ohra u cioe' Vodafone u Melita, kellhom sehem sostanzjali fis-suq. Hawhekk ukoll Datastream innutat kontradizzjoni fir-Rapport fejn f'paragrafu 102 jinghad li Datasream ma kelliex is-sahha li tagixxi indipendentement mill-kompetituri taghha, pero' sussegwentement f'paragrafu 113 intqal li Datastream kienet dominanti fis-suqtal-internet bl-ingrossa.

Fin-nota risponsiva tal-Ufficcju (fol. 99 sa 117 tal-process), inghad li Datastream kellha posizzjoni dominanti bejn l-2004 u l-2006 fl-*International IP Bandwidth* u fis-suq bl-ingrossa tas-servizz tal-internet ADSL u li dan kien spjegat ampjament fir-Rapport. L-Ufficcju sostna ukoll li kien ikkonduca konsultazzjoni wiesgha[5] u li l-analizi li kien ghamel dwar il-*margin squeeze* kienet fid-dettal. Sostna wkoll li l-principju tal-indispensabilita' hija kundsiderazzjoni necessarja skont il-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea, li ghalihom gia saret referenza *supra*, u kien ghalhekk li ma kompliex janalizza dan l-ilment fuq aspetti ohra, ghaliex sab li Camline kellha alternattivi minn fejn tixtri s-servizz tal-internet bl-ingrossa.[6] Rigward l-allegazzjoni ta' Camline li l-Ufficcju ma investigax kull ilment ta' Camline, l-Ufficcju qal li ma kienx obbligat li jinvestiga kull ilment u li kellu diskrezzjoni dwar dak li ghandu jinvestiga u dan skont il-gurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, rikonnoxxuta mill-Qrati Ewropej.[7]

---

[5] Ghalkemm jidher mir-risposta tal-Ufficcju li, kif kien allega Camline, ma gewx kunsultati ISPs ohra.

[6] Jinghad pero' li fil-Kaz ta' Telefónica (Kaz T-398/07 Spanja v Kummissjoni Ewropea, Marzu 2013) il-Qorti qalet li mhux mehtieg li l-prodott tas-suq bl-ingrossa inkun indispensabbli ghas-suq bl-imnut biex il-*margin squeeze* ikun abbuziv;

[7] *Automec vs Kummissjoni Ewropea* (1992) u *Ufex vs Kussjoni Ewropea* (1999) - vide paragafu 45 tan-nota tal-Ufficcju

B'riferenza ghall-ilment li Datastream kienet qed tipprovdi servizz inferjuri lil Camline minn dak li kienet tipprovdi hi stess fis-suq bl-imnut permezz tas-sussidjarja taghha Maltanet, l-Ufficcju sostna li Camline ma tat l-ebda prova teknika ta' dan u strahet fuq emails u dokumenti informali ohra, pero' liema ilment ma setghax jigi investigat a bazi ta' dawn id-dokumenti. L-Ufficcju sostna wkoll li Camline kienet qed taghmel tfittxija fil-ghama b'argumenti generici, u ghalhekk l-ilment dwar il-*margin squeeze* kienet il-lanjanza li setghet tigi investigata.

B'risposta ghan-nota ta' Camline tal-25 ta' April 2012, Datastream regghet sostniet li m'huwiex korrett l-Ufficcju meta wasal ghall-konkluzjoni li Datastream kellha dominanza fis-suq tal-*Interational IP Bandwidth* in kwantu l-Ufficcju iddefinixxa s-suq b'mod ristrett billi ma inkludiex il-konnessjonijiet tal-linji fissi, tas-satellita u anki s-servizzi tal-kumpaniji tal-*egaming.* Datastream sostniet dan ukoll fir-rigward tas-suq bl-ingrossa fejn qalet li l-Ufficcju iddefinixxa s-suq rilevanti b'mod ristrett, l-aktar ghaliex ma inkludiex lis-socjeta' Melita bhala parti mis-suq.

Datastream regghet sostniet li taqbel mal-konkluzjoni tal-Ufficcju li ma kienx hemm abbuz ta' dominanza da parti taghha, u spjegat li l-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar kondotta ta' entrapriza dominanti li teskludi l-kompetituri jittrattaw kemm *refusal to supply* kif ukoll *margin squeeze* ghaliex dawn huma relatati. Datastream spjegat li fir-rigward tal-*margin squeeze* l-abbuz isir meta intrapriza dominanti li topera fis-suq bl-ingrossa tikkompeti wkoll fis-suq bl-imnut u titlob prezz bl-ingrossa ezorbitanti ghas-servizz lill-kompetituri taghha, liema prezz ma jkoprix b'mod sufficjenti l-ispiza tal-produzzjoni u li f'kaz li l-entrapriza dominanti kellha tforni l-prodott hija stess fis-suq bl-imnut, il-produzzjoni tas-servizz ma jkunx vijabbli. Datastream sostniet li Camline ma resqitx provi sufficjenti f'dan is-sens. In oltre, Datastream qalet ukoll li s-servizz irid ikun indispensabbli ghall-intrapriza fin-naha t'isfel tas-suq (downstream) u li l-istess intrapriza tkun efficjenti, liema fatti ma gewx ippruvati minn Camline.

Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' Camline li l-Ufficcju bbaza d-decizjoni tieghu fuq wiehed biss mill-hames kriterji msemmija f'paragrafu 118 tar-Rapport, u cioe' dak tal-indispensabilita, Datastream qalet li dawk il-kriterji huma kollha rilevanti fil-kaz odjern, partikolarment il-principju tal-indispensabilita'. Rigward l-allegati abbuzi l-ohra, Datastream qalet li l-allegat *bundling*, *tying* u *predatory pricing* ma gewx iccarati minn Camline, u li dawn l-allegati abbuzi kienu generici.

Fir-replika taghha, Camline regghet insistiet li Datastream kellha dominanza kemm fis-suq tal-*International IP Bandwidth*, in kwantu l-alternattivi imsemmija minn Datastream ma kienux vijabbli,[8] u anki fis-suq tas-servizz tal-internet bl-ingrossa in kwantu kumpaniji ohra fattwalment ma kienux joffru dan is-servizz. Camline sostniet li Datasream kienet dominanti fis-zewgt iswieq bejn l-2004 u l-2006, u Camline argumentat li safejn l-ISPs kienu koncernati, Datastream fattwalment kellha s-suq kollu f'idejha f'dak il-perjodu.

Camline sostniet li ma saritx analizi korretta mill-Ufficcju fir-rigward tal-*margin squeeze* in kwantu dan gie ekwiparat ma' *refusal to supply*. Camline qalet wkoll li s-servizz ta' Datastream kien indispensabbli in kwantu kienet l-unika kumpanija li kienet toffri s-servizz.

Rigward dak sottomess mill-Ufficcju li ma gewx investigati l-ilmenti l-ohra ta' Camline in kwantu l-Ufficcju ma kellux l-obbligu jaghmel dan, Camline irreferiet ghad-digriet tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008, biex id-Direttur jezamina l-lanjanzi kollha tad-ditta Camline, u mhux xi whud minnhom biss, u ghalhekk id-Direttur ma osservax dan id-digriet.

Camline innutat kontradizzjoni fir-Rapport u fin-nota responsiva tal-Ufficcju partikolarment fejn l-Ufficcju sostna li ma sarx abbuz minn Datastream in kwantu s-servizz moghti minn Datastream seta' jigi sostitwit bis-servizz ta'

---

[8] Dan gie sussegwentement ikkonfermat mill-Ufficcju (*vide* fol. 154) fejn intwera li fis-snin 2004 sa 2006 kien hemm zewg operaturi fis-suq tal-*International IP Bandwidth* ossia Datastream u Vodafone, minn liema suq Datastream kellu bejn 70% u 90%.

kumpanija ohra bl-infrastruttura tal-cable [9], ghalkemm fl-istess Rapport u nota responsiva intqal bic-car li l-Melita irrifjutat li toffri dan is-servizz lill-ISPs independenti u ghalhekk fattwalment ma kienx hemm access ghall-ISPs indipendenti bejn l-2004 u l-2006.[10] F'dan ir-rigward l-Ufficcju ssottometta li ma kienx hemm kontradizzjoni fir-Rapport u n-nota in kwantu s-servizz tal-Cable u s-servizz tal-internet bl-ADSL fis-suq bl-ingrossa kienu sostitwibbli, u dan nonostante li Melita ma kienetx qed toffri s-servizz taghha lill-ISPs bl-eccezzjoni tal-MITA. Ghalhekk l-Ufficcju insista li s-servizz ta' Datastream ma kienx indispensabbli ghal Camline. L-Ufficcju sostna li Camline setghet harget mis-suq ghaliex ma kienitx efficjenti bizzejjed biex tikkompeti fis-suq bl-imnut ma' Datastream.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Mill-kaz odjern jirrizulta li s-suq tal-internet f'Malta fih diversi faxxi, bit-tlett faxxi ewlenin li huma s-segwenti:
(i) Is-suq tal-International IP Bandwith u dan fuq livell internazzjonali biex jitwassal is-servizz tal-internet fil-Gzejjer Maltin. Dan is-servizz jehtieg investiment qawwi l-aktar biex jitpoggew il-cables taht il-bahar u biex tinbena l-infrastruttura mehtieg f'Malta. Fi zmien li sar l-ilment, cables simili kienu operati minn Datastream u Vodafone;
(ii) Is-suq tas-servizz tal-internet bl-ingrossa (wholesale), fejn intrapriza li ghandha access ghall-International IP Bandwith tbiegh servizzi tal-Internet broadband lill-intraprizi ohra, li jissejhu Internet Service Providers (ISPs) biex dawn ta' l-ahhar ibieghu dan is-servizz bl-imnut (retail) lill-individwi fuq livell personali u lill-entitajiet kummercjali. Fil-kaz in ezami, Datastream kienet tbiegh is-servizz tal-internet (imsejjah ADSL) bl-ingrossa lil Camline u lil ISPs ohra. Fost l-ISPs l-ohra kien hemm Maltanet, li kienet kumpannija sussidjarja ta' Datastream u li sussegwentement giet inkorporata ma' Datastream;

---

[9] Vide para. 125 tar-Rapport u para. 40 tan-nota tal-Ufficcju tad-19 ta' Ottubru 2012.
[10] Vide para. 26 tar-Rapport u para. 25 tan-nota tal-Ufficcju tad-19 ta' Ottubru 2012.

(iii) Is-suq tas-servizz tal-internet bl-imnut, fejn il-bejjiegha kienu l-ISPs u x-xerreja kienu individwi personali u negozji.

Il-kaz odjern jikkoncerna principalment is-suq tal-internet bl-ingrossa, fejn qed jigi allegat minn Camline li Datastream kienet qed taghti vantagg lill-ISP sussidjarja taghha Maltanet ghad-dannu tal-ISPs kompetituri, fosthom Camline. Camline allegat ukoll abbuzi ohra da parti ta' Datastream, gia msemmija *supra*.

It-Tribunal jaqbel ma' dak li jinghad fir-Rapport (para. 113) fejn gie konkluz li Datastream kienet dominanti fis-suq tas-servizz tal-internet bl-ingrossa u dan in vista tal-*market share* ta' Datastream fis-suq rilevanti u tal-*barriers to entry* ghal operaturi ohra(para. 92 u 97 tar-rapport). In oltre, jirrizulta li s-suq kien effettivament f'idejn zewg operaturi, ossia Datastream u Melita (para. 102 tar-rapport), fejn il-Melita ma kienitx toffri dan is-servizz lill-ISPs indipendenti (para. 26 tar-rapport).

Fir-Rapport jinghad li fil-kaz tal-*International IP Bandwidth* ma kienx vijabbli li kumpanija bhal Camline ikollha, jew tuza direttament, dan is-servizz in vista tal-investiment enormi mehtieg u z-zmien twil rikjest biex tottjeni il-permessi regolatorji mehtiega. Fir-Rapport jinghad ukoll li fil-kaz tas-suq tas-servizz tal-internet bl-ingrossa ma kienx facli ghal ditta bhal Camline biex tidhol f'dan is-suq ukoll in vista tal-investiment konsiderevoli mehtieg u l-htigijiet regolatorji. Madankollu, kif tajjeb jinghad fir-Rapport (para. 114), id-dominanza fis-suq rilevanti ma tikkostitwix fiha innifisha ksur tal-Ligi, izda hu l-abbuz minn din id-dominanza li jwassal, *inter alia*, biex itellef jew idghajjef il-kompetizzjoni fis-suq.[11]

*Margin squeeze* hija prattika abbusiva assocjata mad-dominanza fis-suq rilevanti. Din issehh meta intrapriza fin-naha ta' fuq tas-suq (intrapriza 'A'), tkun integrata vertikalment ma' intrapriza ohra fin-naha t'isfel ta-suq (intrapriza 'B'). Intrapriza B tkun qed tikkompeti ma'

[11] Qorti Ewropea tal-Gustizzja, Kaz 85/76 *Hoffman La Roche* [1979] ECR 461, para. 91

intraprizi ohra (intrapriza ‘C’). L-abbuz isir jekk intrapriza A timponi kundizzjonijiet fuq intrapriza C (jigifieri fuq il-kompetituri ta’ intrapriza B, sussidjarja ta’ intrapriza A) b’tali mod li l-intrapriza C ma jkollhiex margini ta’ qliegh adekwat, u li minhabba f’hekk intrapriza C ma tkunx tista tikkompeti ma’ intrapriza B, in kwantu din ta’ l-ahhar tinghata trattament preferenzjali minn intrapriza A. B’rizultat ta’ dan, intrapriza C tista’ tkun kostretta tohrog mis-suq. Huwa importanti li intrapriza C ma jkollhiex qliegh baxx imqabbel mal-ispejjez taghha sabiex din l-intrapriza tkun efficjenti. L-intrapriza li topera fin-naha t’isfel tas-suq u ma tkunx vertikalment integrata ma’ ohra fin-naha ta’ fuq tas-suq (intrapriza C), trid tkun, ta’ l-anqas, ugwalment efficjenti daqs l-intrapriza kompetitrici li tkun vertikalment integrata (intrapriza B). Dan sabiex il-konsumatur ma jigix kostrett ihallas prezzijiet gholja biex tigi protetta ditta inefficjenti.

It-Tribunal jirreferi ghad-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropea, ikkonfermata mill-Qorti Generali tal-Unjoni Ewropea[12], rigward *margin squeeze* fil-kaz dwar il-kumpanija Spanjola Telefónica.[13] F’dan il-kaz giet imposta multa ta’ €151 miljun fuq Telefónica in kwantu rrizulta li din abbuzat mis-sahha li kellha fis-suq tas-servizz tal-internet fi Spanja. Telefónica kienet integrata vertikalment ma’ kumpanija ohra fin-naha t’isfel tas-suq fejn kienet tezisti differenza sostanzjali bejn il-prezz mitlub mill-intrapriza sussidjarja imqabbel mal-prezz mitlub mill-intraprizi kompetituri tal-kumpanija sussidjara. Kriterju ewlieni li uzat il-Kummissjoni Ewropea biex tkejjel il-*margin squeeze* kien il-principju ta’ *equally-efficient competitor*, u cioe’ *test* fejn tittiehed l-ispiza tal-intrapriza dominanti u jigi evalwat jekk din kienitx tikkompeti kieku kellha thallas il-prezz mitlub lill-kompetituri. F’dak il-kaz, kemm il-Kummissjoni Ewropea u kif ukoll il-Qorti kienu tal-fehma li d-differenza bejn il-prezzijiet kien jikkostitwixxi abbuz li jikkontravvjeni l-Artiklu 102 tal-Trattat[14]. Il-Qorti qalet li anki jekk il-prezzijiet mitluba minn Telefónica kienu approvati mir-Regolatur tat-telekomunikazzjoni,

[12] 29 ta’ Marzu 2013
[13] Kaz T-398/07 Spanja v Kummissjoni Ewropea
[14] Treaty on the Functioning of the European Union

xorta tibqa’ l-possibilita’ ta’ *margin squeeze*. *Inter alia*, dan l-abbuz iwassal biex jiskoraggixxi kompetituri potenzjali milli jidhlu fis-suq, ghad-detriment tal-konsumatur, li b’rizultat ta’ dan l-abbuz, kien qed ihallas prezz gholha minn dak li kien jithallas kieku ma kienx hemm l-abbuz.

Fil-kaz ta’ llum, gie konkluz fir-Rapport li ma kienx hemm abbuz ta’ dominanza fis-suq da parti ta’ Datastream u dan in kwantu s-servizz ta’ Datastream ma kienx indispensabbli ghal Camline peress li Camline setghet tuza s-servizz tal-kompetituri ta’ Datastream, u cioe’ Melita. It-Tribunal ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni. Sabiex jigi konkluz jekk kienx hemm abbuz fil-forma ta’ *margin squeeze* da parti ta’ Datastream, wiehed irid jistabbilixxi jekk il-prezzijiet mitluba minn Datastream lil Camline kienux wasslu biex Camline ma tibqax tikkompeti fis-suq u fl-istess hin, jekk Camline kienetx efficjenti ghall-anqas ugwalment daqs Datastream fis-suq bl-imnut. Fi kliem iehor, ried jigi analizzat jekk Datastream kienitx taghmel qliegh sufficjenti biex topera fis-suq bl-imnut li kieku s-servizz taghha kien ibbazat fuq il-prezzijiet mitluba minnha stess lil terzi, haga li ma saritx mill-Ufficcju.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-prezzijiet mitluba minn Datastream fis-suq bl-ingrossa kienu ferm aktar gholja mill-prezzijiet mitluba minn Maltanet fis-suq bl-imnut. Ghalhekk jirrizulta bic-car, specjalment meta wiehed iqis din id-differenza konsiderevoli fil-prezzijiet, li Datastream kienet qed tezercita *margin squeeze* fil-konfront ta’ Camline.

Camline ilmentat ukoll li Datastream abbuzat minn dominanza fis-suq rilevanti minhabba *bundling* u *tying*. *Bundling* jirrizulta meta ix-xerrej ikollu jixtri zewg jew aktar tipi ta’ prodotti f’daqqa bi prezz wiehed u *tying* jirrizulta meta x-xerrej jigi mgieghel jixtri prodott li ma jkunx mehtieg ma’ dak li jkun irid jixtri. It-Tribunal hu tal-fehma li ma jirrizultawx *bundling* jew *tying* f’dan il-kaz in kwantu Datastream qatt ma talbet lil Camline biex tixtri zewg jew aktar tipi ta’ servizzi bi prezz wiehed u anqas ma kien hemm irbit tas-sevizzi da parti ta’ Datastream sabiex

Camline takkwista s-servizz ta’ l-internet flimkien ma xi servizz iehor.

Camline allegat ukoll li Datastream abbuzat minn dominanza fis-suq in kwantu adoperat *predatory pricing*. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jirizultax peress li Datastream ma kienetx titlob prezzijiet baxxi li jwasslu biex id-dhul *per unit* taghha ma jkoprix l-ispiza varjabbli *per unit* tal-intrapriza, kif inhu rikjest mill-kazistika Ewropea u Maltija f’dan ir-rigward.[15]

**Decide**

Dan it-Tribunal ghalhekk jilqa l-ilment ta’ Camline in kwantu jirrizulta li sar abbuz ta’ dominanza da parti ta’ GO p.l.c. (gia Datastream Limited) b’rizultat ta’ *margin squeeze* fil-konfront ta’ Camline u ghalhekk b’vantagg ghall-kumpanija sussidjarja ta’ GO p.l.c., Maltanet Limited, li sussegwentement giet inkorporata ma’ GO p.l.c., u dan bi ksur ta’ Artikolu 9 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jirrimetti d-deċiżjoni lid-Direttur Ġenerali ai termini tal-Artikolu 14(7) tal-Kapitolu 379, sabiex jieħu kull miżura li huwa jqis xierqa skont id-disposizzjonijiet tal-istess l-Att fir-rigward tal-imsemmi ksur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------

[15] Kaz COMP/38.233 Wanadoo Interactive (2003); Kaz C-202/07 France Télécom v Kummisoni Ewropea (2007 u 2009); Ilment 2/1998 “Meli vs Miller”